MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 735/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**1. Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b' digriet tal-31 ta' Awwissu 2009 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` Clednef Limited (C 29470)**

**2. Pierre Schembri (I.D. 464463 (M))**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tal-Bank of Valletta p.l.c. datat 27 ta' Lulju 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi bit-termini u kondizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mary Grech Pace datati datati fid-29 ta' April 2004 (Dok "A" u "B"), is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bakarji lis-socjeta` Clednef Limited.

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' Clednef Limited fis-somma ta' hamsa u sittin elf, sebgha u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€65,037.72) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta` Clednef Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C 1" sa "C 2", "D 1" sa "D 3", "E 1" sa "E 56") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 ta' Lulju 2009 sad-data tal-effettiv pagamenti.

Illi permezz ta' kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat fis-7 ta' Mejju 2002, u dawk datati fid-29 ta' April 2004 in atti Nutar Dottor Mary Grech Pace (Dok "A" u "B"), u permezz ta' skrittura privata datata fid-29 ta' April 2004 il-konvenut Pierre Schembri iggarantixxa flimkien u *in solidum* mas-socjeta` Clednef Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Clednef Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskrittura privata fuq imsemmija (Dokumenti "A", "B" u "F") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` Clednef Limited u Pierre Schembri.

a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulati fl-imsemmi kuntrattu u skrittura,

(b) kienu indampjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew,

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Clednef Limited u Pierre Schembri li jipperikola jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati fl-14 ta' Jannar 2008 li kopji taghhom

eesebiti u mmarkati Dok "G" u "H", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskrittura privata fuq imsemmija (Dok "A", "B" u "F") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` Clednef Limited u Pierre Schembri;

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skrittura privata;

(b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati u/jew;

(c) hemm bidliet materjali fis-cirkostanzi tal-istess Clednef Limited u Pierre Schembri li jipperikola jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta` Clednef Limited u Pierre Schembri flimkien u *in solidum* ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u sittin elf, sebgha u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€65,037.72) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Accounts" tas-socjeta` Clednef Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1" sa "C2", "D 1" sa "D 3", "E 1" sa "E 56") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 ta' Lulju 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati fl-14 ta' Jannar 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigu prezentati kontestwalment li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju u bir-rizerva ghall-pretensjonijiet ohra tat-attrici kontra l-konvenut Pierre Schembri li huwa ngunt minn issa sbiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti minn fol. 5 sa fol 103a tal-process.

Rat id-digriet datat 31 ta' Awwissu 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita` intimata (fol 103).

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-10 ta' Dicembru 2009.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 24 ta' Novembru 2009 a fol. 121 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivati f'kaz u jekk edotti mill-fatti.

Salv risposti ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti fejn fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2010 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Mark Busuttil bhala kuratur u Dr. Dominic Cassar ghal bank attur. Dehret ukoll Dr. Lilian Cremona ghal Bank of Valletta li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu sallum kollu dovut. l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta' Ottubru 2010.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 122 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici fil-konfront tal-konvenuti gew ilkoll ippruvati u filfatt ma jirrizulta li hemm ebda kontestazzjoni ghall-istess peress li l-intimat Pierre Schembri ma pprezenta l-ebda risposta u l-kuratur deputat nominat sabiex jirrapprezenta s-socjeta` intimata ma pprezenta l-ebda provi biex b’xi mod jikkontrasta l-provi attrici.

Illi filfatt jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati kemm permezz tax-xhieda prodotta u wkoll id-dokumenti esebiti u gie kkonfermat ukoll li fil-mori tal-kawza l-ebda ammont ma thallas mill-intimati lis-socjeta` attrici, u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati fil-kwalita` taghhom premessa biss in kwantu l-istess b’xi mod jikkontrastaw ma’ dak hawn deciz u fil-kontumacja tal-intimat Pierre Schembri tilqa’ t-talbiet attrici b’ dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskrittura privata fuq imsemmija (Dok “A”, “B” u “F”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` Clednef Limited u Pierre Schembri;

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skrittura privata;

(b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati u/jew;

(c) hemm bidliet materjali fis-cirkostanzi tal-istess Clednef Limited u Pierre Schembri li jipperikola jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta` Clednef Limited u Pierre Schembri flimkien u *in solidum* ihallsu lis-socjeta` attrici s-

somma ta’ hamsa u sittin elf, sebgha u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€65,037.72) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u l-Overdraft Accounts” tas-socjeta` Clednef Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C1” sa “C2”, “D 1” sa “D 3”, “E 1” sa “E 56”) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 ta’ Lulju 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-intimati solidament bejniethom b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------